REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 386/2013

tat-22 ta' April 2013

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u ta' miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni li torbot dwar it-tariffa u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

Tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista' jkompli jkun invokat għal perjodu ta' tliet xhur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 02 Volum 02 p. 382).

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 02 Volum 04 p. 307).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Il-prodott jikkonsisti minn 20 µg sa 5 mg ta' glikoproteina umana rikombinanti (laminina) f'taħlita ta' soluzzjoni mewwieta ta' ilma. Il-prodott huwa maħsub biex jintuża għall-kisi ta' reċipjenti għall-koltura taċ-ċelloli. Huwa jservi ta' matriċi għat-tkabbir ta' ċelloli staminali billi jtejjeb il-wiċċ ta' dawn ir-reċipjenti li ċ-ċelloli jistgħu jeħlu magħhom. Il-prodott ma jipprovdix nutrijenti għaċ-ċelloli staminali u għandu jintuża flimkien ma' mezz ta' koltura taċ-ċelloli sabiex jinżammu jew jitkabbru ċelloli staminali.	3504 00 90	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 3504 00 u 3504 00 90. Billi l-prodott iservi biss bħala matriċi għat-tkabbir ta' ċelloli staminali u għandu jintuża flimkien ma' mezz ta' koltura taċ-ċelloli, dan ma jistax jiġi kklassifikat bħala mezz imħejji ta' koltura tal-intestatura 3821 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata [HSEN] għall-intestatura 3821, esklużjonijiet). Il-klassifikazzjoni tal-prodott taħt l-intestatura 3822 hija eskluża għaliex dan ma jkunx użat fl-evalwazzjoni ta' proċessi fiżiċi, bijofiżiċi jew bijokimiċi jew f'reazzjonijiet analitiċi (ara wkoll l-HSEN għall-intestatura 3822, l-ewwel paragrafu). Il-laminin huma sustanzi oħrajn ta' proteini tal-intestatura 3504, li mhumiex koperti minn intestatura aktar speċifika (ara wkoll l-HSEN għall-intestatura 3504, l-ittra (B)). Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat bħala sustanza oħra ta' proteini tal-intestatura 3504.